# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma illum nhar is-26 ta' April 2017.**

**Rikors Numru 421/2012 CSH**

**Victoria-Jane Krejci nee' Buttigieg (I.D. 427971M)**

**Vs**

**Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahrig u b'digriet tat-22 ta' Frar, 2017 isem il-Korporazzjoni konvenuta inbidel ghal "Jobsplus"**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tal-attrici li gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Dicembru, 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallasha s-somma ta' sitt elef sebgha mija w sitta w ghoxrin Ewro u sitt centezmi (€6,726.06) rapprezentanti *allowances* (*board allowance* u *disturbance allowance*) dovuti lilha sad-29 ta' Mejju, 2012 skont il-kuntratt tal-impjieg taghha datat 29 ta' Mejju, 2002 (Dok A).

Bl-imghax dekorribbli mid-29 ta' Mejju, 2012 u bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni konvenuta komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju, 2012 (Dok B) u tal-ittra bonarja tas-26 ta' Frar, 20120 (Dok C).

Is-socjeta' konvenuta hija ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahrig li giet prezentata fit-28 ta' Jannar 2013 fejn iddikjarat:

*"Illi t-talbiet attrici huma nfundati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Preliminarjament illi l-allowances mitluba mill-attrici mhumiex dovuti u dan stante li l-kuntratt ta' impieg tal-esponenti huwa illum regolat mhux bil-kuntratt imsemmi fl-avviz izda permezz tal-Ftehim Kollettiv li huwa applikabbli wkoll ghall-attrici.*
2. *Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess t-talba attrici hija in parti preskritta fit-termini tal-Artikolu 2148(d) tal-Kap 16.*
3. *Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju jigi rilevat li kienu ghaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet u ghalhekk l-esponenti jipprotestaw ruhhom ghall-ispejjez tal-kawza odjerna.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici."*

Semghet il-provi prodotti mill-partijiet.

**Claudio Farrugia** ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig xehed fis-6 ta' Marzu 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Kap Ezekutiv tal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahrig u ilu jokkupa din il-kariga minn Mejju 2010. Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx lir-rikorrenti jghid li jafha bhala impjegata tal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig. Fil-fatt huwa kien qed  jixhed mill-fajl ta' din l-istess impjegata. Spjega illi r-rikorrenti bdiet tahdem mal-Korporazzjoni mit-31 ta' Ottubru tal-1997 fil-kariga ta' *Position of a Person of Trust* u bhala Assistanta Personali tac-Chairman. Hija ma dahlitx mir-*recruitment process* bhala impjegata izda kienet a *direct appointment*. Hija dahlet fuq kuntratt defenitiv ghax hekk jintalab f'dawn il-pozizzjonijiet u dan ghal perjodu ta' tnax-il xahar. Dan rega' gie mgedded fis-26 ta' Awissu 1998 ghal perjodu ta' sentejn. Fit-2 ta' Settembru 2000, dan il-kuntratt rega' gie mgedded ghal perjodu iehor ta' sentejn. Fid-29 ta' Mejju 2002 ir-rikorrenti inghatat kuntratt fil-kariga ta' Executive mal-istess Korporazzjoni u b'hekk hija kellha kuntratt indefinit. Ghalkemm din id-darba inghatat kuntratt mhux definit xorta m'ghaddietx mir-*recruitment process*. Dan il-kuntratt li nghatat jorbot lir-rikkorenti, liema  kuntratt jinsab esebit fl-atti a fol 2 u mmarkat bhala dokument A.

Ix-xhud tenna li dak iz-zmien meta gie ffirmat dan il-kuntratt ic-CEO kien John Camilleri. Dan il-kuntratt jifforma l-mertu tal-kawza odjerna. Din hija prassi normali li meta persuna tinghata grad ta' Executive, din tigi mfissra lill-persuna kkoncernata. Pero' jekk sarx hekk f'dan il-kaz jew le huwa ma jistax iwiegeb ghax ma kienx hu c-CEO. Huwa spjega li fid-dipartiment tal-HR hemm deskrizzjoni ta' x'inhu l-post ta' Executive. Mistoqsi jekk hargitx *call* ghal post of  Executive qal li filfatt f'dan il-kaz ma sarx lanqas. Pero' spjega li kien hemm *collective agreement* fis-sehh. Mistoqsi ta' liema sena qal li m'ghandux *records* dwar dan lanqas. Mistoqsi jispjega l-allowances li hemm imsemmija bhala

kundizzjonijiet ghal dan l-impjieg u dan fil-kuntratt Dok A, iwiegeb li dawn l-allowances inghataw *over and above* l-allowance li jinghataw f'kaz ta' Executive normali. Dan ghax hija kienet qed tipperformja wkoll *duties* ta' Board Secretary and Secretary to the Chairman u ghalhekk kien hemm zewg allowances.

Zied jghid li fil-15 ta' Jannar 2007 ir-rikorrenti harget bil-parental leave u ghalhekk il-korporazzjoni innominat *an acting Board Secretary* pero' ma kienx hemm *substitute* ghal dan ir-rwol. B'referenza ghal *board allowance* stqarr li r-rikorrenti kellha zieda ghax kellha responsabilta' li tattendi ghal *board meetings,* naturalment tiehu l-minuti f'dawn il-laqghat u sussugwentement tikkommunika dawn il-*meetings* lill-membri tal-board. Inoltre kellha ukoll *allowance* maghruf bhala *annual disturbance allowance,* u dan ghax il-persuna tkun marbuta mal-pozizzjoni ta' Chairperson u ghalhekk hemm bzonn li din il-persuna ikollha tigi disturbata wara l-hinijiet tax-xoghol. Ghalhekk f'dan il-kaz ma tkunx intitolata ghal *overtime* izda ghal *Annual Disturbance Allowance*. Generalment il-Bord jiltaqa' darba fix-xahar u skond id-dokument li hawn kien jiltaqa' mit-tlieta ta' wara nofs in-nhar 'l quddiem. Ghalhekk seta' kien il-kaz li gieli l-Bord kien jestendi l-hinijiet tieghu ghal dawk normali ta' *working hours*. Is-soltu Executive jispicca x-xoghol tieghu fl-erbgha u kwart ta' wara nofsinhar.

Ix-xhud iddikjara li r-rikorrenti dahlet lura ghax-xoghol mill-parental leave fit-3 ta' Awissu 2009. Pero' skond il-*collective agreement* il-persuni li johorgu bil–*parental leave* m'ghandhomx id-dritt li jzommu l-istess rwol izda jzommu l-istess grad. Minhabba l-fatt li giet abolita l-pozizzjoni li kellha Victoria Jane Buttigieg Depiro u cioe' dik ta' Board Secretary and Secretary to the Chairman, hi giet assenjata f'dipartiment iehor fil-kariga ta' Executive fid-dipartiment tal-Business Development u ghalhekk ma baqghetx intitulata ghall-*Annual*

*Allowance* u ghall-*Board Allowance*. Wara li dahlet lura mill-parental leave, anzi qabel ma harget bil-parental leave kien hemm komunikazzjoni mar-rikorrenti bejnha u bejn ic-Chief Executive li dak iz-zmien kienet certu Sue Vella. Din il-komunikazzjoni saret fil-fatt qabel mar-rikorrenti dahlet lura mill-*parental leave* u hija datata 29 ta' Mejju 2009, fejn Sue Vella kienet talbet lill-Kap Ezekuttiv tal-korporazzjoni ta' dakinhar, fejn kien hemm ix-xewqa li Victoria tirritorna lura ghax-xoghol. Ir-risposta tal-Kap Ezekuttiv kienet fis-sens li hija setghet tirritorna lura ghax-xoghol u li hija kienet ser tigi mgharrfa dwar il-pozizzjoni tax-xoghol li kellha tigi moghtija lilha. Fil-fatt ix-xhud esebixxa kopja ta' din il-komunikazzjoni li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument CSH.

Huwa qal li fit-2 ta' Gunju 2009 il-Kap Ezekuttiv kien baghat jinfurmaha li kienet ser tigi assenjata fil-Business Development bhala Executive b'salarju ta' €18,744 fis-sena u li huwa marbut mal-grad taghha ta' Executive fil-Collective Agreement. Kienet infurmatha wkoll li l-*Board Allowance* u *Disturbance Allowance* ma kienux ser jinghataw aktar lilha. Gie mitlub biex jesebixxi fis-seduta li jmiss in-numru ta' nies li jiehdu din id-*Disturbance Allowance* u xi grad ghandhom. Huwa ma jafx kemm hemm nies ezatt pero' jaf li zgur ma ghandhomx din l-istess kariga jew grad ta' Executive. Ir-residenza personali tieghu hija 133, Trot Haugen, Triq il-Hafur, Attard.

**Claudio Farrugia** kompla jixhed fid-29 ta' Mejju 2013 fejn gie mistoqsi lil min kien ikkonsulta sabiex gab l-informazzjoni li semma fix-xhieda tieghu tas-6 ta' Marzu 2013, b'mod partikulari ghal dak li gara qabel ma' effettivament ix-xhud kien sar CEO. Huwa wiegeb li primarjament kien ikkonsulta ma' certu Felix Borg li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Deputy CEO. Mistoqsi x'ried ifisser meta fix-xhieda tieghu tas-6 ta' Marzu 2013 kien qal li minkejja li l-

attrici ma kellhiex kuntratt definit xorta ma ghaddietx mill-process ta' *recruitement*, huwa ried ifisser li meta jkun hemm posizzjoni miftuha isir il-*call* internament u f'dan il-kaz ma kienx sar call u ghalhekk hija kienet giet maghzula *ad hoc*. Dan huwa sar jafu wara li tkellem ma' Felix Borg li kien id-Deputy CEO ta' dak iz-zmien. Mistoqsi jekk ghamilx konsulta ma' xi haddiehor wiegeb li le, tkellem biss ma' dan.

Wara kien tkellem ukoll mal-*board secretary,* certu William Spiteri li kien tah il-minuti ta' dak iz-zmien. Huwa kien ra l-minuti ta'dak il-perjodu, cioe' x-xahar li fih kien sar l-*appointment* u x-xahar ta' qabel. Huwa stqarr li m'ghandux kopja ta' dawn il-minuti u llum il-gurnata m'ghadux impjegat tal-ETC. Huwa ma jafx li effettivament seta' kien hemm *recruitment process* ghax fl-informazzjoni li ghandu din ma saritx. Fil-minuti li effettivament intbaghtulu ma kienx hemm referenza ghal xi *recrutiment process,* naturalment huwa ma rax il-minuti kollha, ra biss dawk li gew moghddija lilu. Huwa sostna li filfatt ix-xhieda li huwa kien ta kienet ibbazata fuq dik l-informazzjoni li nghatatlu minn haddiehor. Ix-xhud iddikjara li ra l-file tal-attrici mill-bidu sal-ahhar.

Ix-xhud esebixxa hames *collective agreements* li gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument Z, Z1, Z2 u Z3 rispettivament u ghandu wkoll lista li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument Z4 li huma intitolati ghal *disturbance allowance* u lista ohra li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument Z5 li tindika is-*senior disturbances allowance* ghan-nies li huma intitolati ghal *senior exective allowances*. Il-listi in kwistjoni li ghadu kif esebixxa ma sarux minnu, dawn gew moghtija lilu mill-HR Department. Huwa ma jafx kif ikkompilawhom, huwa pprezenthom kif effettivament gew moghddija lilu.

**Felix Borg** xehed fl-24 ta' Gunju, 2013 fejn iddikjara li jokkupa l-kariga ta' Chief Executive mal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig u li ilu jahdem mal-istess Korporazzjoni minn Ottubru 1990. Spjega li fid-29 ta' Mejju, 2002 kien sar ftehim bejn l-attrici w il-Korporazzjoni. Ix-xhud jghid li sa fejn jaf hu id-dizgwid li nqala' jikkoncerna ir-'*remuneration package'* li hemm f'dan il-ftehim. Skond il-Korporazzjoni l-attrici hija ntitolata ghal 'disturbance allowance' imsemmija fil-kuntratt kif ukoll ghal '*board secretary allowance'* u dan sakemm kienet tokkupa l-kariga ta' Executive u kienet taghti s-servizzi ta' '*board secretary'* lill-Boards tal-ETC. Spjega li kienet intitolata ghal '*disturbance allowance'* ghaliex il-board gieli ltaqa' anke wara l-hinijiet tax-xoghol jew ghaliex ic-Chairman ikollu bzonn il-hin taghha wara l-hinijiet normali tax-xoghol. Qal li l-Bord tal-ETC huwa kompost minn Chairman, numru ta' Diretturi u Board Secretary – u dan jghidulu l-Board tad-Diretturi. Hemm ukoll il-Management Ezekuttiv tal-Korporazzjoni u l-Kap tal-Management huwa c-Chief Executive u tahtu hemm numru ta' managers u mpjegati ohra. Ix-xhud ikkonferma li fil-fatt l-attrici kienet Board Secretary tal-Bord fejn hemm id-Diretturi. Kompla li ghalkemm il-kuntratt kien gie ffirmat fid-29 ta' Mejju 2002, dan kien b'effett mit-13 ta' Mejju 2002 u baqa' in vigore sal-15 ta' Jannar 2007 meta l-attrici harget bil-*parental leave,* liema *leave* kien gie approvat.

Zied jghid li fil-5 ta' Gunju 2006, l-attrici kienet baghtet ittra lic-Chairman ta' dak iz-zmien fejn hija kienet infurmatu li kienet ser tohrog bil-*parental leave* mill-15 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Dicembru 2007. Sussegwentement dan kien baghtilha risposta permezz ta' ittra ohra fejn kien approva t-talba taghha minghajr kundizzjonijiet. Jaf li wara l-attrici kienet ghamlet ittra ohra lil HR Manager fejn talbet li tinghata *child care leave* ghal perjodu ta' sena b'effett mill-1 ta' Jannar 2008, u dan ukoll kien gie approvat minghajr kundizzjonijiet.

Wara dan baghtet ittra ohra lil ETC fejn talbet permess biex taghmel uzu mill-*career break* taghha mill-1 ta' Jannar 2009 sat-30 ta' Gunju 2010, u dan ukoll kien gie approvat.

Minkejja dan kollu, fid-29 ta' Gunju 2009, l-attrici kienet talbet permess bil-miktub lill-Kap Ezekuttiv tal-ETC biex tkun tista' terga' lura ghax-xoghol u dan accettaha lura b'effett mis-27 ta' Lulju, 2009. Fit-2 ta' Gunju 2009, cioe' qabel l-attrici rritornat lura ghax-xoghol, il-Kap Ezekuttiv kien kitbilha w infurmaha li kienet diehla lura fil-grad ta' Executive u cioe' fl-istess grad li kienet tokkupa qabel harget bil-*parental leave* u li s-salarju taghha kien ser ikun fit-*top notch salary grade*, pero' nfurmaha wkoll li *the board allowance and the disturbance allowance are clearly no longer applicable* u fil-fatt meta dahlet lura ma kinitx baqghet tahdem bhala *board secretary* izda baqghet tokkupa l-kariga ta' Executive li ghadha tokkupa sal-lum.

Mistoqsi jekk l-attrici kienitx iffirmat xi kuntratt mal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig wara dak tad-29 ta' Mejju 2002 (immarkat fl-atti bhala Dok. A), wiegeb li ma jirrizultalux. Pero' jaf li kellha xi kuntratt dwar xi *telework* li hija ffirmat sabiex tkun tista' taghmel parti mix-xoghol minn gewwa darha. Fil-fatt qal li kien hemm izjed minn kuntratt wiehed dwar telework, wiehed minnhom iffirmat fit-30 ta' Settembru, 2011, iehor fit-13 ta' Ottubru, 2012 u iehor fit-23 ta' April, 2012.

Spjega li min ikollu l-grad ta' Executive, huwa '*overtime grade'* fis-sens li jekk joqghod wara l-hin jithallas tal-*overtime,* u dan kien minn dejjem kif jirrizulta mill-Collective Agreements.

Qal li l-ewwel ilment tal-attrici dwar nuqqas ta' hlas tad-*disturbance* u *board allowances,* waslilhom fis-26 ta' Frar 2010 (Dok. C). Jghid li mill-memorja jiftakar l-andament tal-kaz, pero' dwar dati jrid jaghmel referenza ghall-fajl u pprometta li jesebixxi d-dokumenti li ghamel referenza ghalihom fix-xhieda tieghu permezz ta' nota. Ikkonferma lil fil-fajl taghhom, fol. 17 u 18 m'humiex indikati. Kompla li mill-atti ma jirrizultalux li kien hemm xi *internal call* fl-ETC qabel ma gie ffirmat il-kuntratt tad-29 ta' Mejju, 2002, pero' ammetta li r-Recruitment File ikun fajl separat u ghalhekk talab li jara l-fajl.

**Maria Bartolo Galea** xehdet fl-14 ta' April, 2014 fejn iddikjarat illi hija tahdem fid-dipartiment tal-Manager Northern Region Support and Services mal-ETC. Hija ilha tahdem mal-ETC minn mindu bdiet fis-sena 1990. Hija kkonfermat li hija fil-karriera taghha hadmet kemm bhala Board Secretary kif ukoll bhala Secretary to the Chairman. Fil-fatt kienet hadmet bhala Board Secretary u Secretary to the Chaiman ghal perjodu ta' bejn 1994 u 1998, jekk tiftakar sew. Hija kkonfermat ukoll li f'dan il-perjodu kienet tircievi *board allowance* kif ukoll *disturbance allowance*.

In kontro ezami x-xhud giet mistoqsija jekk kellhiex xi kuntratt specifiku f'dan il-perjodu u wiegbet li trid tara u tivverifika mar-*records* taghha.

**Felix Borg** xehed ukoll fl-14 ta' April, 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Head of Division, Operations and Corporate Services mal-ETC. Huwa ilu jahdem mal-korporazzjoni minn meta bdiet mis-sena 1990. Huwa spjega li ftit mill-funzjonijiet tal-ETC kienu jiehdu hsiebhom il-Labour Office. Fil-fatt bhala mpjegati tal-ETC jigu li huma mpjegati tal-Gvern, pero' mhux

parti mic-Civil, ghalkemm din hija korporazzjoni pubblika. Ix-xhud tenna li l-kariga ta' Board Secretary, dejjem kienet tezisti sa mill-bidu nett ghax il-korporazzjoni dejjem kellha Board u ghalhekk dejjem kien hemm segretarja ghalih.

**Maria Bartolo** xehdet in kontro-ezami fid-9 ta' Lulju, 2014 fejn iddikjarat illi b'referenza ghal dak li qalet fix-xhieda taghha precedenti u cioe' jekk hija sabitx xi kuntratt qalet illi hija ma sabitx kuntratt iehor. Pero' x-xhud ipprezentat dokument li gie mmarkat bhala Dokument MBG1 fejn dan huwa dokument intern fejn hija kienet qed titlob *transfer* mill-posizzjoni taghha bhala Executive fl-ufficcju tac-Chairman ghal Executive fit-Training Services Division u dan huwa datat 18 ta' April 1997. Hija esebiet ukoll dokument iehor li gie mmarkat bhala Dokument MBG2 li huwa datat 20 ta' April. Ix-xhud esebiet dan bhala twegiba ghad-domanda dwar remunerazzjoni li giet mistoqsija lilha fis-seduta precedenti, ghall-perjodu meta' hija kienet tahdem bhala segretarja tal-Bord fis-sena 1997. Qalet li ir-remunerazzjoni taghha f'dak ir-rwol kienet ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600). Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument MBG3. Hija spjegat illi f'dak iz-zmien ma kienx jigi ndikat dan l-ammont fl-FS3. Hija ma kellhiex fuqha l-FS3 cioe' l-formola li tindika kemm effettivament kienet irciviet hlas mill-ETC. Pero' ppromettiet li taghmel dan fis-seduta li jmiss.

**Felix Borg** xehed in kontro-ezami fid-9 ta' Lulju 2014 fejn gie mistoqsi jekk normalment impjegat tal-ETC huwiex impjegat direttament mal-Korporazzjoni jew mal-Gvern fejn hu wiegeb illi huma mpjegati direttament mal-Korporazzjoni. Filfatt m'humiex impjegati tas-Civil Service. Meta' x-xhud kien qal li huwa mpjegat mas-settur pubbliku ried ifisser illi l-Korporazzjoni ghadha entita' pubblika. Mistoqsi jekk hemmx xi ufficjali tas-Civil Service li huma

*detailed* jew *seconded* mal-ETC wiegeb illi fil-bidu tal-ETC kien hemm numru u dawk sa llum-il gurnata baqghu ufficjali pubblici. Huwa kkonferma li Victoria Krejci ma gietx minn mal-Gvern. Hija qatt ma kienet Civil Servant ghax dejjem kellha l-impjieg taghha direttament mal-Korporazzjoni. Mistoqsi kif effettivament id-dokumentazzjoni li huwa ezebixxa li jikkoncernaw ufficjali pubblici jikkoncernaw lill-attrici qal illi ma jistax iwiegeb. Qal li l-ftehim kollettiv kollu li ghamlet l-attrici mal-Union, huwa ndipendenti totalment mill-Gvern.

**Maria Bartolo Galea** xehdet fil-15 ta' Ottubru 2014 fejn esebiet l-FS3 taghha li tindika effettivament id-dhul taghha mill-ETC. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument MB. Hija qalet li qabel ma bdiet l-impjieg taghha mal-ETC hija kienet tahdem fis-settur privat. Ix-xhud spjegat li hija bdiet l-impjieg taghha mal-ETC fl-1990 u dana fil-kariga ta' Executive. L-ewwel kienet tahdem mal-Manager (operations), sussegwentement iccaqalqet mal-ufficju tas-CEO u dan ghal perjodu ta' bejn 1990 u 1994. Fl-1994 marret l-ufficcju tac-Chairperson u hadet l-inkarigu ta' *board secretary* u ghamlet hemm sal-1998 u wara l-1998 marret bhala *board secretary* tat-*training services division*. Sussegwentement hadet promozzjoni ghal Senior Executive u baqghat hemm. Fl-2009 saret *Unit Manager* fid-dipartiment tal-*Migration*. Fl-2012 saret *department manager* fid-dipartiment ta' *people's management* u fl-2013 baqghat *department manager* pero' partikolarment ghal *northern region* u *inclusive employment services* u f'April ta' 2014 nehhewlha n-*northern region* u baqghat responsabbli biss ghal *inclusive employment services*.

Ix-xhud spjegat illi fil-bidu tal-impjieg taghha fl-1990 hija kienet iffirmat kuntratt u dan kien jirrelata dwar il-grad taghha ta' executive u d-dhul ghal tali xoghol. Mistoqsija jekk kienx hemm xi hadd iehor li kien jokkupa l-kariga

taghha li kellha fl-1994 u 1997 ta' *bord secretary* qalet li iva kien hemm, filfatt kien hemm zewg persuni. Ix-xhud taf li fl-1990 kienet bdiet certu Carmen Debono u wara telqet xi 1992 u giet certu Sandra Zammit. Din kienet bdiet bhala Mifsud u zzewget u spiccat Zammit u wara kien hemm hi. Warajha kien hemm certu Moira Mallia li sussegwentement saret Spiteri Staines ghax izzewget. Sussegwentement kien hemm l-attrici Victoria Buttigieg De Piro. L-ewwel ftehim kollettiv sar bejn is-snin 1990 u 1994 u naturalment dan l-istess ftehim baqa' jiggedded. Mistoqsija jekk hija kienitx involuta f'dan il-ftehim kollettiv wiegbet li kienet. Wara li hija telqet mix-xoghol mac-Chairman spiccat fi grad normali fis-sens li setghet tippartecipa b'mod attiv fil-union u filfatt kienet tokkupa wkoll il-kariga ta' *assistant shop steward*.

Ix-xhud saritilha referenza ghad-dokument esebit fl-atti a fol 25, b'mod partikolari ghal fol. 32 ta' dan id-dokument b'mod partikolari ghas-sub-inciz (1) fejn hemm miktub *senior executives are to receive the settlements allowance of 450 Malta pounds and no overtime pay*. Hija spjegat illi s-Senior Executive grade huwa l-aktar grad gholi f'dan il-ftehim kollettiv u ghalhekk qalet illi s-senior executive grade kienet tiehu *disturbance allowance* pero' ma kienitx intitolata ghal *overtime*. Pero' mill-*executive* l-isfel huwa ntitolat ghal *overtime* u ma jiehux *disturbance allowance*. Hija spjegat illi filfatt f'bullet (1) sub-inciz (1) a fol 1 ta' dan l-istess ftehim hemm miktub illi kwalsiasi kundizzjonijiet ta' *employment* li setghu jidhlu fihom l-impjegati bejn il-korporazzjoni huwa kancellat u sostitwit b'dan il-ftehim. Senior executives jifformaw parti minn dan il-ftehim u sahansitra anke executives jiffurmaw parti minn dan il-ftehim u hija kkonfermat li kienet firmatarja ta' dan il-ftehim kollettiv u dan fil-kapacita' taghha bhala *assistant shop steward*.

**Felix Borg** xehed fil-5 ta' Novembru 2014 fejn iddikjara li qabel ma' l-attrici bdiet tokkupa l-kariga bhala *board secretary*, l-ewwel *board secretary* kienet Carmen Debono, sussegwentement jaf li kien hemm Sandra Zammit, warajha Maria Bartolo Galea u mbaghad Moira Spiteri Staines u sussegwentement l-attrici. Mistoqsi min minn dawn in-nies ghadu jahdem hemm, ix-xhud wiegeb illi Maria Bartolo Galea kif ukoll l-attrici ghadhom jahdmu hemm. Ix-xhud spjega li John Camilleri dak iz-zmien kien il-Kap Ezekuttiv pero' llum il gurnata huwa mejjet. Sandra Zammit u Moira Spiteri Staines ilhom hafna li spiccaw minn mal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig. Mistoqsi kemm-il *collective agreement* kien hemm minn meta giet istitwita din il-korporazzjoni qal illi kien hemm xi hamsa. Dawn bdew fis-sena 1995 u generalment kienu johorgu kull tliet snin u spjega li l-*collective agreement* huwa bazikament il-*Conditions of Employment* tal-haddiema tal-ETC u kien jaghmel referenza ghall-*allowances* u ghall-ammont ta' salarju li kienu ntitolati il-varji sezzjonijiet tal-ETC.

Ix-xhud spjega li c-chairman tal-bord tad-diretturi hija l-oghla kariga u mbaghad jigi l-kap ezekuttiv u dak iz-zmien kien hemm il-kariga ta' deputat ezekuttiv li jigi tahtu u ghalhekk l-*appointment* imsemmija fi klawsola numru 4 a fol 47 huma ta' grad inqas minn grad ta' chairman. Huwa tenna li meta kienu johorgu l-*letters of appointment* generalment kienet tohrog ittra mill-kap ezekuttiv li jifrah lill-persuna li gie appuntat f'dak il-grad partikolari u jghidlu li l-kundizzjonijiet tal-grad tieghu huma skont il-*collective agreement*. Jekk inghatat xi *letter of appointment* lil xi hadd u huwa *collective agreement grade* u jekk ikun se jinghata xi beneficcji aktar, dawn iridu jigu specifikati *over and above* dak li hemm imsemmi fil-*collective agreement.* Ix-xhud qal illi jekk mhix specifikata fil-*collective agreement* il-kundizzjoni jekk hi wahda partikolari jkollha tkun imnizzla fil-*letter of appointment*. Huwa qal illi l-attrici ffirmat

*letter of engagement* f'Mejju 2002 u kellha kuntratt indefinit u dan kien sar wara sejha pero' qabel dan il-kuntratt kellha tliet kuntratti ohra li kienu ta' natura definita. Huwa qal illi l-attrici kellha kundizzjonijiet fil-*letter of appointment* taghha datata 29 ta' Mejju 2002 li ma kienux imsemmija fil-*collective agreement*. Ix-xhud qal illi wara dan il-ftehim tad-29 ta' Mejju 2002 saru diversi ftehim differenti maghha bhal *parental leave, telework, child leave* u affarijiet simili.

Ix-xhud esebixxa kopja ta' *letter of employment* li harget fis-sena 2002 fil-konfront tal-attrici. Huwa esebixxa wkoll kopja ta' *letters of appointments* mahruga fil-konfront ta' terzi persuni fl-istess zmien li harget il-*letter of appointment* lill-attrici. Filfatt l-attrici waqt li damet impjegata mal-ETC ghamlet uzu minn *child care leave, parental leave, career break leave, reduced hours leave* u *telework.*

Rat in-nota tal-Korporazzjoni Intimata pprezentata fl-atti nhar is-6 ta' Mejju 2015, li permezz taghha gew esebiti numru ta' dokumenti li lkoll gew ezaminati minnha. DOK ETC 12 li huwa kopja tal *Employment and Training Corporation Collective Agreement* ghall-perijodu l-1 ta' Jannar 1995 sal-31 ta Dicembru 1997, DOK ETC 13 li huwa kopja tal *Employment and Training Corporation Collective Agreement* ghall-perijodu l-1 ta' Jannar 1998 sal-31 ta Dicembru 2000, DOK ETC 14 kopja tal-korrispondenza nterna rigward vakanzi ghall-Executive Head Office kif ukoll Executive Finance fi hdan il-korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig datata 6 ta' Marzu 2002 u DOK ETC 15 kopja u risposta ghall-korrispondenza mmarkata bhala DOK l4 li jgib id-data tal-11 ta Marzu 2002.

Rat in-nota tal-Korporazzjoni Intimata prezentata fl-atti nhar is-6 ta' Mejju 2015 li permezz taghha gie esebit dokument li gie markat bhala dok ETC 16 li huwa kopja tar- Renewal of Collective Agreement (2004 – 2006).

Rat in-nota tar-rikorrenti **Victoria Krejci Buttigieg** li permezz taghha nhar l-24 ta' Gunju 2015 ipprezentat l-affidavit taghha li gie markat bhala dok VJ1.

Spjegat kif hija giet offruta impieg mal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig f'Novembru 1997 mis-Sur Tonio Portughese li f'dak iz-zmien kien jokkupa il-post ta' Chairman mal-istess Korporazjoni (li minn issa 'l quddiem ser tissejjah ETC) fuq kuntratt definit ta' sena u f'posizjoni ta' fiducja bhala Assistenta Personali tieghu u Segretarja tal-Bord tad- Diretturi. Giet offruta din il-posizjoni peress li l-persuna li kienet tokkupa din il-kariga u cioe' Maria Bartolo Galea kien ser ikollha tarbija u ghalhekk kienet ser tohrog bil-*leave* tal-maternita'.

F'Awwissu 1998 hija giet offruta impieg ma' kumpanija privata b'kuntratt definit u talbet lis-sur Portugese bil-miktub biex igeddilha l-kuntratt taghha u dan minhabba li l-kuntratt li kellha kien ser jiskadi f'Novembru 1998. Is-sur Portughese ressaq it-talba taghha quddiem il-Bord u fl-assenza taghha iddecidew li jaghtuha kuntratt b'terminu gdid ta' sentejn jigifieri sas-sena 2000.

F'Jannar 1999 hija bdiet tirregistra fuq it-tielet parti tar-registru tan-nies qeghda (fejn jistghu jirregistraw nies li kienu qed jahdmu waqt li fl-istess hin ifittxu impieg iehor).

Fis-sena 2000 inghatat it-tielet kuntratt definit mill-ETC, ukoll ghal terminu definit ta' sentejn. Ghalhekk dan ifisser li kienet impjegata mal-ETC ghal erba' snin konsekuttivi. Dan il-kuntratt kellu jiskadi f'Settembru 2002, izda fl-ewwel

xhur tas-sena 2002 kienet harget sejha interna ghall-kariga ta' Executive (Chairman's Office) fuq bazi indefinita. Hija ma applikatx ghal din il-posizjoni vakanti ghaliex ma kienitx impjegata regolari mal ETC u ghalhekk ma setghetx tapplika ghaliha. Pero' ftit taz-zmien wara giet imsejha biex tattendi ghal intervista ghal din il-posizzjoni u dana peress li kienet qieghda tirregistra fuq it-tielet parti tar-registru. Kien aktar tard fl-istess xahar li giet infurmata li kienet giet maghzula ghal dik il-posizzjoni.

Tiftakar sew li qabel ma accettat l-offerta tal-impieg kienet iddiskutiet dan ir-rwol mas-sur John Camilleri u dan sabiex tara jekk kienitx ser tonqos fil-paga taghha u dan qalilha li kienet ser tidhol fuq il-paga bl-inqas grad ta' Executive biex b'hekk il-korporazzjoni tonora il-ftehim kollettiv, pero' kien ser jinghatalha *allowance* fis-sena 2002 u fis-sena 2003 biex hija tithallas id-differenza bejn il-paga minima ta' Executive u l-paga attwalment li kellha fl-erbgha snin u nofs ta' qabel ma l-istess korporazzjoni flimkien ukoll ma' zewg *allowances* ohra li kienu jirrapprezentaw *allowance* moghti lilha mill-Bord tad-Diretturi kif ukoll *disturbance allowance.*

Hija staqsiet lil John Camilleri jekk kemm-il darba tigi trasferita tibqax tibbenifika mill-*allowances* taghha u dan qalilha li hija kienet tithallas somma totali u ghalhekk f'kaz li tigi trasferita tibqa' iddahhal l-istess ammont ta' flus fis-sena u fil-futur tibbenifika ukoll minn zidiet li jigu miftiehma bejn il-Korporazzjoni u l-Union fir-rigward ta' salarju baziku, bonus tal-gvern u *disturbance allowance*. Fir-rigward ta' *Board allowance* kienet ser tibqa' tircievi somma fissa ta' sitt mitt lira maltin (LM600) fis-sena peress li dan huwa *allowance* li huwa barra mill-ftehim kollettiv u huwa ftehim privat bejnha u bejn il-korporazzjoni. Qalilha ukoll li biex iserrhilha rasha, u peress li hija f'kuntrat li kellha mal-korporazzjoni dejjem kien hemm imsemmi li tista' tigi

trasferita *without any loss of the under mentioned allowances,* kien ser jaghtiha kuntratt din id-darba fuq bazi indefinit, jekk kemm il-darba taccetta.

Tiftakar li kienet staqsietu ukoll jekk kienitx ser tibbenifika mill-kundizzjonijiet l-ohra li ma kienux imsemmija fil-kuntratt imma kienu johorgu mill-ftehim kollettiv u kien irrispondiha li iva kienet ser tgawdi minn dawn il-kundizzjonijiet b'zieda ma' dak li kienu ftiehmu. Kien qalilha ukoll li ftehim privat bhala dan li kienu ftiehmu, ma setax jigi mibdul minghajr ma ikunu qablu it-tnejn. Kien qalilha wkoll specifikament li dan li kien japplika anki ghal Ftehim Kollettiv futuri.

Is-sur Camilleri spjegalha ukoll li hija kienet impjegata bhala Executive ghalkemm id-doveri taghha kienu ser ikunu fl-Ufficcju tac-Chairman, jekk kemm-il darba isir xi ristrutturar fil-korporazzjoni jew jekk Chairman gdid fil-futur jkun jixtieq li jkollu segretarja personali tieghu, hija tista' tigi trasferita pero' bl-istess kundizzjonijiet finanzjarji li kellha. Dawn il-kundizzjonijiet huma imsemmijin specifikament fil-kuntratt taghha tat-2 ta' Mejju 2002.

Fil-fatt tispjega li fis-sena 2006 hija kienet giet trasferita ghas-sezzjoni tal-licenzi ghall-barranin ghal perijodu ta' tlett xhur u baqghet tithallas dawn l-*allowances.* Dan it-trasferimet ma kienx gie deciz mic-Chairman ta' dak iz-zmein imma mis-Sinjura Maryanne Vella li kienet tokkupa l-grad ta' Kap Ezekuttiv. Gurnata fost l-ohrajn bejn ir-rizenja ta' Chairman u l-hatra ta' l-iehor, is-Sinjura Vella kienet qaltilha biex tmur taghmel xoghol fis-sezzjoni tal-licenzji u hija accettat dan it-trasferiment minhabba li fil-kuntratt taghha hemm imnizzel specifikament li fl-assenza tac-Chairman hija tirraporta lill-Kap Ezekuttiv, li kienet l-istess Vella.

Hija accettat dak li offrielha is-Sur Camilleri u l-Bord tad-Diretturi gie infurmat fis-seduta numru mija u sittin (160) dwar dan. Wara l-laqgha tal-Bord is-Sur Camilleri taha dak kollu li kien fissrilha bil-miktub biex kemm-il darba, kif kien diga' gara ma' Kapijiet Esekuttivi ohrajn, hu jispicca mill-kariga tieghu, hija ikollha dokument bil-miktub f'idejha iffirmat minnu bhala Kap Esekuttiv li jghid dak kollu li kien wieghda.

Hija baqghet fl-istess kariga bejn is-sena 2002 u 2007 u tul dan il-perijodu gew miftiehma il-ftehim kollettiv 2004-2006 u dak tas-sena 2007-2010.

F'Jannar 2007 hija harget bil-*parental leave,* dejjem skond il-ftehim kollettiv u fis-sena 2009 hija talbet sabiex tirritorna lura ghax-xoghol. Tiftakar li kienet kitbet lis-Sinjura Maryanne Vella u ftiehmu li minhabba problemi li kienet qed tesperjenza xtaqet tirritorna lura ghax-xoghol. Din irrispondietha minnufih li l-Korporazzjoni laqghet it-talba taghha u li kienet ser tidhol lura ghax-xoghol bil-paga tal-oghla grad ta' Executive izda ma kienitx ser tithallas l-*allowances* dovuti lilha u dan minhabba li hija ma kienitx ser tigi assenjata xoghol mac-Chairman.

Cio' nonostante hija accettat li tidhol ghax-xoghol bl-ghan li tiddiskuti l-kuntratt taghha meta tasal lura Malta. Fil-fatt wara li rritornat lura ghax-xoghol marret titkellem mal-Union biex tiehu parir u s-Sur Josef Vella kien qabel maghha li kellha kuntratt li jigi kunsidrat barra il-ftehim kollettiv u allura ma ratx ghalfejn il-Korporazzjoni kienet qed tichdilha id-drittijiet taghha.

Huwa kiteb lis-Sinjura Vella fejn qalilha li ma jaqbilx mal-interpretazzjoni taghha fir-rigward tal-kutnratt tal-attrici, izda hi irrispondiet lura li r-raguni ghalfejn hija ma kienitx ser tithallas l-*allowances* kienet minhabba li ma kienitx

qieghda taghmel xoghol ta' assistenta tac-chairman u segretarja tal-Bord. Ma kien hemm l-ebda riferenza ghall-kuntratt tax-xoghol taghha u meta s-sur Vella rrefera ghall-kuntratt, is-Sinjura Vella rrispondiet li kienet ser tirreferi l-ilment lill-Bord tad-Diretturi fil-laqgha li jmiss. Dan ghamlitu, u ftit wara l-laqgha tal-Bord, ikkomunikat mas-Sur Vella u qaltlu li l-Bord ma qabilx li hija tithallas dawn l-*allowances* minghajr ma nghatat ebda raguni u minghajr ma saret l-ebda referenza ghall-kuntratt, qisu dan il-kuntratt qatt ma ezista.

Bl-ghan li tissolvs din il-kwistjoni, is-Sur Vella issugerixxa li tikkuntattja l-avukati tal-Union li kienu id-Ditta Legali Spiteri Bailey u Giglio u tkellmet mal-Avukat Spiteri Bailey u wrietu dan il-kuntratt. Huwa minnufih kiteb ittra bonarja lill-ETC fejn qal li " *l-atteggjament tal-ETC bhala principal taghha huwa wiehed illegali u bi ksur tal-kuntrat tax-xoghol*."

Waqt li hi u l-avukat kienu qed jistennew risposta minghand il-Korporazzjoni, dahlet l-isptar biex twelled tarbija u meta ikkuntattjat l-avukat taghha lura biex jaghtiha ir-risposta tal-korporazzjoni dwar dak li kien kiteb hu, qalilha fuq it-telefon li l-korporazzjoni kienet wiegbet lura li kien hemm klawsola fil-ftehim kollettiv li kienet twaqqa' kuntratt privat, meta hija ma irrinunzjatx ghad-drittijiet taghha. Staqsietu wkoll kienx il-kaz li jtellghu il-kaz il-Qorti izda huwa qalilha li kien tal-opinjoni li ma taghmilx hekk. Sadanitant skopriet li hu kien sar l-avukat tal-Korporazzjoni u ghalhekk kien f'posizjoni fejn hemm kunflitt ta' interess.

Waqt dan l-istess zmien ukoll inhatar Kap Esekuttiv tal-Koporazzjoni is-Sur Claudio Farrugia. Sabiex tevita li tidhol il-Qorti, hija iddecidiet li tipprova tispjega il-kaz tagha lill-Kap Esekuttiv il-gdid (is-sur Claudio Farrugia) li taha appuntament. Hija fehmitu dak kollu li kienet imwieghda fil-kuntratt taghha u

huwa qalilha li peress li ma kien jaf b'xejn bil-kaz ried jara sewwa l-affarijiet u wieghdha li kien ser ikellimha. Biss qalilha wkoll li bhala principju hu ma kienx jaqbel li hija kellha tithallas ebda forma ta' *allowance* zejda.

Sadanittant regghet marret tikseb parir legali, din id-darba minghand l-avukat Robert Tufigno li minnufih kiteb ittra ufficcjali lill-Korporazzjoni biex hija tithallas dak li kien dovut lilha bl-arretrati. Kemm hi kif ukoll l-avukat baqghu ma semghu xejn aktar wara din l-ittra, biss wara hafna saret taf li b'risposta ghal din l-ittra, l-avukat Giglio li kien jifforma parti mill-istess ditta ta' l-avukati Spiteri Bailey and Giglio, kien ktieb lura u talabha sabiex ma tipprocedix bil-Qorti.

F'Awissu kien baghat ghaliha is-sur Farrugia u flimkien mal-avukat taghha kien qalilha li l-Korporazzjoni regghet rat l-affarijiet u staqsieha jekk kienitx lesta li tasal ghal soluzzjoni dwar dan in-nuqqas ta' qbil minghajr ma jidhlu l-Qorti. Is-Sur Farrugia weghedha li kien ser jitkellem mal-Kap tad-Dipartiment taghha biex jara jekk jistax jaghtiha xi xoghol iehor minflok ix-xoghol li kienet taghmel mal-Bord. Hija fakkret lis-Sur Farrugia li ma kienitx decizjoni taghha li hija ma tinghatax xogholha lura meta rritornat ghax-xoghol, u li ma kellha l-ebda problema li taghmel xoghol differenti fl-istess grad taghha ghax huwa proprju dan li kienet ftiehmet mas-sur Camilleri fis-sena 2002 qabel ma accettat il-kundizzjonijiet tax-xoghol taghha.

Ghaddew bejn wiehed u iehor xahrejn li fihom ikkomunikat kemm-il darba mas-Sur Farrugia biex ifittxu jsolvu l-kaz . Kien proprju fil-31 ta' Ottubru 2012 li s-Sur Farrugia baghat ghaliha biex jiffinalizzaw ftehim (jigifieri li jaghtiha xoghol iehor u l-kuntratt taghha jigi onorat).

Minflok ghamel hekk, jigifieri minflok li onora il-kuntratt taghha, is-Sur Farrugia qallha li l-korporazzjoni kienet lesta biex tasal nofs triq maghha billi ihallsuha l-arretrati ta' *allowance* wiehed fl-ammont ta' €1,397.62 fis-sena u tibqa thallasha is-somma ta' €1,397.62 barra l-paga u barra d-drittijiet taghha skond il-ftehim kollettiv. Tghid li qalilha li kellha taccetta dak il-hin u fil-kaz kien ser icempel lil *financial controller* tal-korporazzjoni, s-Sur Trapani biex johorgilha ic-cekk dak il-hin. Izda hija hasset li kellha tahseb ftit fuqha ghax dak li kien qed jipproponilha ma kienx skond dak li kienu ftiehmu fil-kuntratt taghha.

Hija ma accettatx dan il-kuntratt il-gdid ghax ma setghetx tifhem ghaliex kuntratt privat li gie iffirmat fis-sena 2002 seta' jigi imhassar minn fethim kollettiv u kuntratt li jigi iffirmat fis-sena 2012 ma setax. Hija tenniet l-argument taghha li l-Ftehim Kollettiv ma jistax ihassar il-kuntratt privat awtomatikament minghajr ma tirrinunzja ghad-drittijiet taghha.

L-Avukat Tufigno ghal darb' ohra kiteb lill-Korporazzjoni fejn infurmahom li hi ma setghetx taccetta l-proposta tal-korporazzjoni peress li finanzjarjament ma kienitx ser tiehu dak li kienet intitolata ghalih skond il-kuntratt. B'risposta ghal dan, l-avukat Giglio baghat ittra bonarja lil Dr. Tufigno fejn talab ghat-tieni darba li hija ma tidholx il-Qorti u terga' tikkunsidra l-proposta tal-ETC peress li l-ETC gja kienet approvat li hija tibbenifika minn mizuri ohra favur il-familja biex tiehu hsieb it-tifla taghha li twieldet bi problemi ta' sahha.

Ftit wara rat li ma kinitx ser tasal u kien l-avukat li ssugerixa li jidhlu l-Qorti u hekk ghamlet.

L-attrici **Victoria Jane Krejci** xehdet in kontro ezami fit-8 ta' Frar, 2016. Mitluba tispjega fiex kien jikkonsisti x-xoghol taghha bhala Board Secretary u Secretary to the Board, wiegbet li effettivament kienet taghmel *secreterial duties* u kellha wkoll tilliasja mac-Chairman, twiegeb telefonati, taghmel *customer care* u kienet tattendi wkoll il-Board Meetings, tiehu l-minuti w taghmel *follow ups* skont il-kaz tal-minuti u taghmel *liaison* mal-Bord. Qalet li ghall-Board Meetings kienu jattendu l-bord tad-diretturi, hi, w jista' jkun il-kaz illi jkun mistieden xi manager ghal xi laqgha partikolari. Inoltre regolarment kien jattendi wkoll ic-Chief Executive u naturalment sabiex tinzamm il-laqgha bilfors kien ikun hemm il-*quorum*. Stqarret li kienet taf li kien hemm il-Collective Agreement bejn l-ETC u l-haddiema, Trade Unions. Naturalment saret taf wara li bdiet bix-xoghol taghha hemmhekk. Pero' stqarret li ghalkemm kienet taf li kien hemm il-*collective agreements*, pero' l-kontenut taghhom ma tafux. Mistoqsija kienitx tkellmet ma' Ms Carmen Debono qabel ma ffirmat *Letter of Appointment* taghha datata 29 ta' Mejju 2002, qalet li lanqas taf din min hi, w konsegwentement zgur li ma kellmithiex. Inoltre qalet li lanqas min hi Sandra Zammit illum Mifsud ma taf.

Tiftakar li bhala Board Secretary qabilha kien hemm Maria Bartolo Galea u kienet saret tafha ftit xi gimghatejn qabel ma spiccat mix-xoghol peress li kienet tqila. Lil Moira Mallia qalet li ilha tafha xi ghaxar snin, pero' socjalment mhux fuq xoghol, ghalkemm qatt ma kienu hbieb fis-sens li jcemplu lil xulxin jew imorru ghand xulxin. Sempliciment ghandha konoxxenza taghha. Ziedet li qabel hadet l-*appointment* zgur li ma tkellmitx ma' Maria Bartolo, ghaliex saret tafha biss wara li hadet l-*appointment*, minkejja li ga kienet impjegata *on a position of trust since 1997*. Ghalhekk, qalet li d-data tat-2 ta' Mejju 2002 kienet biss *for indefinite contract*. Effettivament qalet li lil Maria Galea saret tafha f'Ottubru jew Novembru 1997, meta kienet se tiehu l-pozizzjoni taghha,

pero' din imbaghad telqet mix-xoghol hesrem peress li kellha twelled. Pero' ziedet li ma tafx li qatt kellmitha fuq *Disturbance Allowances.*

Kompliet li fis-sena 2001–2002 kienet ghadha mpjegata mal-ETC fuq kuntratt definit u kienet taf li una volta jiskadi l-kuntratt kienet se tispicca bla impjieg. Kienet taf ukoll illi l-kuntratt taghha ma setax jiggedded awtomatikament. Nel frattemp kienet irceviet ittra peress li kienet qed tirregistra fuq it-tielet parti tar-registru, fejn kienet gejt mgharrfa illi kien hemm *vacancy* bhala Executive in the Chairman's Office. Filfatt, qalet, kien hemm Internal Vacancy on the Board ghal din il-posizzjoni, pero' hi ma setghatx tapplika peress li ma kinitx impjegata *full time*. Pero' peress li diga' kienet qed tokkupa din il-pozizzjoni, applikat xorta w sussegwentement intaghzlet wara li ghamlet *interview* mal-bord li kien presjedut minn John Camilleri. Qalet li kienet tkellmet mac-Chief Executive proprju ftit qabel ma ffirmat il-kuntratt taghha u ziedet li effettivament il-Letter of Appointment hija l-kuntratt, u din giet iffirmata miz-zewg partijiet. Ftakret li kienet iddiskutiet il-klawsola tal-Collective Agreement mas-Sur Camilleri qabel ma bdiet l-impjieg taghha. Taf li kienet giet infurmata li kienet giet maghzula ghal dan il-pozizzjoni, pero' ma tiftakarx jekk kienx permezz ta' email jew telefonikament jew verbalment. Pero' nsistiet li tiftakar li kien hemm diskussjoni w kienu ltaqghu fl-ufficcju tas-Sur Camilleri. Kienet konxja tal-fatt li una volta taccetta li tkun Executive, kien ikollha terga' tibda mill-grad l-aktar baxx ta' Executive bhala hlas, u fil-fehma taghha dan kien ifisser li kienet se tkun *demoted* ghax kien se jkun hemm tnaqqis fil-paga. Ziedet li kienet hasset li lis-Sur Camilleri kellha tghidlu li kienet gja ilha impjegata mal-ETC ghal erba' snin konsekuttivi w li una volta jiskadu dawn l-erba' snin konsekuttivi kienet se tigi tal-post. Dan filfatt taha ragun u ftehmu illi sakemm tasal ghas-salarju li effettivament kellha dak iz-zmien, hu kellu jtiha

*allowance* biex taghmel id-differenza li kien hemm bejn is-salarju ta' Executive u dak li attwalment kellha dak iz-zmien.

Sostniet li hi qatt ma kienet tifforma parti mill-Collective Agreement ghaliex kienet fuq *Position of Trust*. Kompliet li kopja ta' dan il-kuntratt tal-Collective Agreement hija ma kellhiex u mas-Sur Camilleri ma semmewx cifri, kienu ddiskutew biss il-principju w kienet hi minn jeddha li rat dan l-artikolu fil-Collective Agreement biex tara kif kien se jaffettwaha. Ziedet li una volta ddecidew fuq din id-differenza, cioe' li l-paga bazika taghha kienet se tibqa' l-istess, s-Sur Camilleri kien qalilha li matul l-impjieg il-gdid setghet izzomm l-*allowances* li gia kellha, biex b'hekk tibqa' tircievi l-istess ammont ta' flus li kienet qed tircievi qabel. Iddikjarat li dak iz-zmien kienet qed tircievi bhala *allowance* hamsa u sebghin lira (Lm75) kull erba' gimghat. L-attrici giet murija d-dokument A a fol 2 tal-process. Ziedet tispjega li meta kienet tokkupa l-Position of Trust kienet tithallas *on the highest scale* ta' Executive, naturalment ghal dik is-sena. Sostniet li fil-*Collective Agreement* ma kien hemm l-ebda referenza ghall-*allowances*. B'referenza ghal klawsola kontenuta fil-Collective Agreement tat-2001 – 2003 a fol 32, qalet li din ma tapplikax ghaliha ghax m'hemm l-ebda referenza ghal pozizzjoni li kellha hi u ghalhekk, fl-opinjoni taghha ma kellhiex effett fuqha. L-attrici nsistiet li kull ma talbet lis-Sur Camilleri kien li ma tonqosx fis-salarju li kienet qed tircievi. Hawnhekk stqarret li kienet taf illi jista' jkun li jekk jinbidel xi Chairman ikun hemm problema, w kien ghalhekk li xtaqet li dak kollu li kienu ftehmu dwaru jitnizzel bil-miktub. Dak hu l-*agreement* u l-kuntratt li ffirmat fid-29 ta' Mejju 2002 u ghalhekk, sostniet, il-Collective Agreement ghaliha kien gie sorvolat. Ikkonfermat illi l-*allowance* fl-ammont ta' erba' mija u hamsin, kien l-istess ammont li kienet tircievi qabel. Effettivament kienu ftehmu li kellha tircievi Board Allowance ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) sabiex il-paga taghha tibqa'

dejjem l-istess. Naturalment dak iz-zmien hija kienet se tibqa' Board Secretary w baqghet tokkupa dik il-kariga sal-2007. Sostniet li waqt il-laqgha ma kienu ghamlu l-ebda referenza ghal klawsola erbgha indikata a fol 32 tal-Collective Agreement 2001 – 2003 u l-interess taghha kien unikament li tircievi l-istess paga w kif effettivament hadimha u wasal ghall-i*step up* ma kienx jinteressaha. Kien jinteressaha biss li tiehu l-istess ammont ta' flus u ma jkollhiex *demotion* fil-paga.

**Victoria-Jane Krejci** kompliet tixhed fis-16 ta' Marzu, 2016. B'referenza ghan-nota li giet ezebita seduta stante qalet illi din tikkontjeni kopja vera tal-original liema dokumenti jinsabu fil-pussess taghha. Ikkonfermat li sas-sena 2012, kif hemm indikat fir-rikors promotur, hija ghadha ma thallsitx is-somma mitluba minnha w cioe' l-ammont ta' sitt elef seba' mija u sitta u ghoxrin Ewro w sitt centezmi (€6,726.06). Spjegat li dawn huma dovuti minn Awwissu 2009 sad-29 ta' Mejju 2012 u cioe' minn meta dahlet mill-parental leave.

In kontro ezami l-attrici regghet qalet li hija saret taf lil Maria Bartolo Galea f'Ottubru jew Novembru 1997, cioe' meta kienet impjegata l-ewwel darba mal-ETC. Sahqet ghal darba darbtejn li hi qatt ma kienet taf il-kontenut tal-Collective Agreement bejn 1997 u 2002 u dan ghaliex bhala Board Secretary kellha tinkludihom mal-Board Documents. Ghalkemm hija ma kinitx konxja tal-kontenut tal-Collective Agreement, qalet li pero' kienet marbuta bil-kundizzjonijiet tal-kuntratt li jinsab ezebit bhala Dok. A fol 2 u 3 tal-process u ghalhekk meta giet biex tiffirma l-kuntratt xtaqet izzomm l-istess kundizzjonijiet li kellha fil-kuntratt. Ikkonfermat li qabel ma ffirmat il-kuntratt kienet qratu.

Rat ili fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016 l-attrici pprezentat nota b'disa' dokumenti li gew immarkati bhala Dok VJ1 sa VJ 9 rispettivament.

Fis-seduta tat-13 ta' Lulju, 2016 il-partijiet talbu lill-Qorti takkordalhom zmien biex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom.

Rat illi fil-5 ta' Ottubru 2016 l-attrici pprezentat in-nota ta' sottomissjonijiet taghha waqt li fit-18 ta' Jannar 2017 il-Korporzzjoni intimata pprezentat in-nota responsiva taghha.

Semghet lill-partijiet jittattaw il-kaz b'mod verbali fis-seduta tat-22 ta' Frar 2017.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tikkoncerna talba maghmula mill-attrici sabiex tithallas is-somma indikata minnha fir-rikors promotur u cioe' is-somma ta' sitt elef, sebgha mija w sitta w ghoxrin Ewro u sitt centezmi (€6,726.06) rapprezentanti din is-somma arretrati ta' *allowances*, cioe' Board Allowance u Disturbance Allowance, allegatament dovuti lilha skond il-kuntratt ta' impjieg taghha esebit fl-atti u datat 29 ta Mejju 2002.

Illi mill-provi prodotti jirizulta li hemm hafna mill-fatti li mhumiex kontestati partikolarment is-segwenti:-

a. Illi l-attrici bdiet tahdem mal-korporazzjoni intimata sa mill-31 ta' Ottubru, 1997 u dan fil-kapacita' taghha ta' Assistenta Personali tac-

Chairman u fl-istess hin bhala Segretarja tal-Bord tad-Diretturi, ghal numru ta' snin.

b. Illi l-attrici bdiet l-impjieg taghha permezz ta' tliet kuntratti definittivi li dejjem gew imgedda bl-istess kundizzjonijiet. Sakemm fl-ahhar fit-13 ta Mejju, 2002 l-attrici bdiet l-impjieg indefinit taghha fil-posizzjoni ta' Executive wara li kienet attendiet ghal xi *interview* u giet maghzula wara process ta' ghazla.

c. Jidher li qabel ma bdiet bl-impjieg taghha hija kienet tkellmet mac-Chairman John Camilleri dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol b'mod partikolari dwar il-modalita' u ammont ta' salarju li kienet ser tirciev i.

d. L-attrici bdiet l-impjieg taghha skond il-Letter of Appointment esebit fl-atti a fol. 313-314 datat 29 ta' Mejju 2002 u skond dan id-dokument li ghandu jservi bhala l-kuntratt li jorbot ir-relazzjoni lavorattiva tal-kontendenti, l-attrici kellha tiricievi *Board Allowance* u *Disturbance Allowance* (kif deskritt fil-kundizzjonijiet 3 u 4 ta l-istess dokument).

e. Skond din il-*letter of appointment* hemm imnizzel ukoll li una volta l-attrici kellha ikollha transfer fuq ix-xoghol jew il-post taghha jigi abolit hija kienet ser tircievi l-istess renumerazzjoni imfissra fil-kuntratt taghha.

*f.* Jinghad ukoll li l-kuntratt li iffirmat l-attrici fid-29 ta' Mejju 2002 gie iffirmat wara li kien gie finalizzat l-ewwel *collective agreement* li kien sar fis-sena 2001 u waqt li kienu gew finalizzati il-*collective agreements* sussegwenti u cioe' dak fis-snin 2003, 2004-2006 u dak tas-sena 2007-2010 fejn l-attrici baqghet tircievi l-*board allowance* u d-*disturbance allowance* li kienet ilha tiricievi mill-bidu nett tal-impjieg taghha mal-Korporazzjoni, u damet tircievi dawn l-*allowances* mis-sena 2002 sas-sena 2007 meta imbagahd harget fuq *parental leave.*

g. Jirrizulta wkoll bhala fatt li ma giex kontestat lanqas, li meta l-attrici fis-sena 2006 kient giet trasferita biex taghmel xoghol fis-sezzjoni tal-

licenzji ghal barranin, hija baqghet tithallas l-*allowances* taghha, kemm dik tal-Bord kif ukoll dik tad-*disturbance* u kien biss wara li eventwalment l-attrici regghet dahlet lura ghax-xoghol li l-korporazzjoni intimata ma baqghetx tonora l-ftehim li kellha maghha.

h. L-attici tghid ukoll li meta hija ddecidiet li tirritorna lura ghax-xoghol fis-sena 2009, kienet kitbet lil Maryanne Vella fejn infurmatha bix-xewqa taghha li tirritorna lura u l-istess Vella infurmatha li setghet taghmel dan u li kienet ser tithallas l-oghla paga fil-grad ta' Executive pero' ma kinitx ser tkompli tircievi l-*allowances* li kienet tircievi antecedentement u dan ghaliex ma kienitx ser tibqa' tahdem mac-Chairman.

i. L-attrici bdiet diskussjonijiet mal-Korporazzjoni dwar dan bil-ghan li tkompli tircievi dawn l-*allowances*, pero' jirrizulta skond is-Sur Farrugia li l-Korporazzjoni kienet disposta biss li thallas l-arretrati ta' *allowance wahda* biss u cioe' fl-ammont ta' €1,397.62. fis-sena apparti l-paga u d drittijiet dovuti lilha skond il-ftehim kollettiv. Cio' nonostante pero', l-attrici ma acettatx din il-proposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Ma hemmx dubbju, kif *del resto* anke stqarret il-Korporazzjoni intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha a fol. 412, li "*l-letter of appointment datata 29 ta' Mejju 2002 hi l-qofol ta' l-azzjoni odjerna u dan in kwantu li dan id-dokument jifforma l-bazi tal-ftehim bejn il-korporazzjoni konvenuta u l-attrici odjerna*". Ghalhekk din il-Qorti ghandha tezamina il-kontenut ta' din il-*letter of appointment* proprju sabiex tistabilixxi x'kienu ezatt il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-attrici.

Bhala kundizzjonijiet hemm skritti s-segwenti:-

"The post carries an initial annual salary of LM5,536 increasing yearly as per the Corporation's Collective Agreement 2001-2003 and thereafter as per any other future Collective Agreements that may be entered into between the Corporation and a recognised union for the grade of Executive.

"*In addition* *( enfasi ta din il-Qorti) you will also be paid (fol. 2 et seq):*

- *All statutory bonus' and any cost of living allowance declared by the government from time to time.*
- *An annual allowance of LM 656 during 2002 and an allowance of LM 492 in 2003. In future years (enfasi ta din il-Qorti), you will be paid an allowance equivalent to the difference between your salary entitlement at the time and the corresponding top salary scale for the grade of Executve for that year, as determined in any future collective agreements that may be entered into between the Corporation and a recognised Union.*
- *An annual Board allowance of LM 600 payable in arrears on a monthly /four week basis, according to the general payroll system of the Corporation.*
- *An annual disturbance allowance of LM 450 per annum payable in arrears on a monthly/four week basis, according to the general payroll system of the Corporation and increasing to any amount agreed upon in any future collective agreement that may be entered into between the Corporation and a recognised union.*

*You will be subject to all other working conditons established in the Collecitve Agreement currently in force and to those established in any future collective agreement entered into between the Corporation and a recognised union.*

*This letter of appointment will supersede any agreements entered into with the Coporation in the past, which to date may not have expired.*"

M'hemmx dubju ghalhekk li dan hu l-kuntratt li ghandu jirregola r-relazzjoni ta' impjieg bejn l-attrici u l-Korporazzjoni intimata u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi mistharrga fid-dawl ta' dan il-ftehim.

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Eric Scehmbri noe vs Lewis Baldacchino** deciza nhar il-11 ta' Novembru, 1997 mill-Qorti tal-Appell gie nnotat li:-
"*Fil-fehma tal-Qorti il-qofol u l-pedament ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza socjali bbazata fuq l-obbligazzjonijiet sa mill-bidu – u cioe' ir-rationalis principium huwa li pacta sunt servanda*".

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Ottubru, 2003 (Citazzjoni Numru 1348/2000/TM) fil-kawza fl-ismijiet **Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*"Il-principju pacta sunt servanda huwa wiehed applikat rigorosament mill-Qrati taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkustanza li, skond il-ligi, tista' twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat."*

In oltre fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom plc** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-7 ta' Ottubru 2004:

"*Dan hu konformi mal-principju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom hu prezunt li qabel ma jiffirmaw dak il-ftehim qiesu c-cirkostanzi tal-kaz u ta' l-interesssi taghhom, u allura darba*

*iffirmaw il-kuntratt huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor anchorche' bazat fuq ekwita'. Il-principju tar-rispett ghal volonta' tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftiehmu fuqu il-partijiet ghandu 'forza ta' ligi' ghalihom ....u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftiehmu bil-volonta taghha."*

L-istess principju gie ovvjament kostantement applikat mill-Qrati taghna bhal per ezempju fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet **Marie Debono vs Silvio Cassar** u dik fl-ismijiet **General Cleaners Company Limited vs Accountant General** deciza mill-Prim' Awla fid-29 ta' Novembru 2001 u **Dr. Gerald Montonaro Gauci noe vs Alex Agius Cesareo noe** deciza fil-31 ta' Jannar 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Novembru 1983 fl-ismijiet **Albert Brincat et vs Ant. Saliba pro et noe** il-Qorti kienet qalet *illi ma kienx permessibli li jingieb xhieda orali biex tigi spjegata skrittura privata illi kienet cara u li ma kienet thalli l-ebda dubbju . Dana huwa konformi mat-taghlim fid-dritt Ruman li "Quoties in verbis nulla est ambiguitas ibi nulla exposito verba fienda est".*

Illi ma hemmx dubbju li l-partijet it-tnejn kienu jafu x'kienu qed jiffirmaw u l-attrici tispjega b'mod dettaljat kif effettivament hija waslet biex iffirmat il-ftehim u inoltre spjegat dak li giet imwieghda qabel ma ffirmat il-ftehim u dan sabiex tassikura ruhha li jekk is-CEO li kienet ftehmet mieghu, f'dan il-kaz John Camilleri, ma jibqax hemm, is-CEO's ta' wara ikunu marbuta bl-istess ftehim. Filwaqt li l-attrici tghid u tispjega x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet meta gie iffirmat dan il-ftehim, il-Korporazzjoni spjegat biss dak li rrizultalha mill-

fajl, stante li s-Sur Camilleri li kien is-CEO li origina l-ftehim, lahaq miet u ghalhekk ma setax jixhed f'dawn il-proceduri. Ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghall-principji enuncjati fis-sentenza **"Malta Development Limited vs Zet Limited"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru, 1999) stante li fil-fehma taghha japplikaw ghal kaz in desamina:-

*"Illi fuq kollox din il-konkluzjoni hija applikazzjoni tal-principji esposti mill-ligi u mill-Qrati taghna illi "hija regola fondamentali tal-ligi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede…".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Lawrence Fenech vs Simon Interiors Limited"** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Gunju 2002):-

*"Illi fuq din il-bazi tal-bona fede, huma mibnija l-artikoli 1002 et sequitur tal-Kap 16 dwar l-Interpretazzjoni tal-Kuntratti, u partikolarment l-artikolu 1003 tal-istess, fejn jinghad illi "Meta is-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher car mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet" ("**Stanislao Cassar vs Chev. Antonio Cassar**" - A.C. 15 ta' Dicembru 1995)".*

Illi m'hemmx dubju li "*li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jaghmlu sens (jekk jista' jkun buon sens) u il-kuntratti ghandhom ikunu interpretati in bona fede*" (**"Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et"** - P.A. (W.G.) 30 ta' April 1987).

Fil-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-attrici agixxiet skond il-ftehim milhuq bejniethom fl-iskrittura privata datata 29 ta' Mejju 2002, agixxiet u osservat l-obbligazzjonijiet taghha naxxenti mill-istess,

filwaqt li kienet il-Korporazzjoni intimata li agixxiet *in mala fede* u kisret il-kundizzjonijiet tal-istess skrittura, mhux l-inqas li tosserva il-kundizzjonijiet dwar il-hlasijiet li kellha tircievi l-attrici kif fuq spjegati fl-istess *Letter of Appointment.*

Din il-Qorti pero' trid tara jekk l-eccezzjonijiet sollevati mill-Korporazzjoni intimata ghandhomx jigu milqugha.

Jinghad li l-Korporazzjoni intimata eccepiet l-intempestivita' tal-azzjoni ghaliex irrilevat li kienu ghaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet u ghalhekk ipprotestat ruhha ghall-ispejjez tal-kawza odjerna. L-intempestivita' ssir meta l-attur jaqbad u jipprezenta kawza u minflok ma jimminimizza l-kwistjoni huwa javvanza b'mod formali l-pretensjonijiet tieghu sabiex l-intimat ma ikunx jista' jirregola aktar il-posizzjoni tieghu, ghaliex ikun qabad u ressaq talba gudizzjarja.

Illi pero' jirrizulta li f'dan il-kaz mhux biss l-attrici kienet dahlet f'diskussjoni mad-dirigenti tal-Korporazzjoni intimata dwar il-hlasijiet li kienet qed tippretendi, tant li kien hemm skambju ta' ittri f'dan ir-rigward (vide dok VJ1 sa V19 esebiti a fol. 374 et seq) fejn l-attrici uriet bic-car li kienet qed tippretendi li tithallas l-*allowances* imsemmija fir-rikors promotur taghha u dan ghar-ragunijiet imfissra minnha anke fl-ittri li gew skambjati. Cio' nonostante l-Korporazzjoni intimata baqghet ma ghamlet l-ebda pagament kif mitlub lilha. Ghalhekk, l-attrici ma kellhiex alternattiva ohra salv li tirribatti l-allegazzjonijiet ribaduti mill-Korporazzjoni intimata b'dawn il-proceduri u li tikkontesta dak li kienet qed tavvanza kontriha l-Korporazzjoni intimata. In oltre issir ukoll referenza ghall-ittra bonarja prezentata mill-attrici nhar is-26 ta Frar 2010 u l-ittra ufficcjali datata 29 ta' Mejju 2012.

Kunsidrati, b'mod objettiv, il-fatti ta' din il-vertenza – akkompanjati mill-fatt li l-attrici qabdet u ressqet kawza wara li tat pre-avviz ragonveoli w idoneju –tali eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Il-Korporazzjoni intimata ressqet ukoll eccezzjoni preliminari fis-sens li l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili jipprovdi li jaqghu bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar:-
*"L-azzjonijiet ta' dawk imhallsin bis-sena, ghall-hlas tas-salarju taghhom".*

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Stencil Pave (Malta) Ltd vs Deguara et noe**" din il-Qorti (PA/JRM) irriteniet illi –

*"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni,u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi*
*biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

(Ara wkoll "**Holland noe vs Chetcuti**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000; "**Vella vs Cefai**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Portelli vs Psaila**" - Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**Causon noe vs Sheibani**" –

Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987; "Camilleri vs Frendo" (Kollezz. Vol. XII.144); "**Borg vs Testaferrata Bonici**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).

In partikolari fis-sentenza "**Causon vs Sheibani noe**" il-Qorti qalet illi –
"*min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "**Calleja vs Vella**" – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).

Il-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni ("**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited**" deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2004, u "**Ellul noe vs Vella noe**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001).

Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma` jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

Dwar id-dekorrenza tal-preskrizzjoni ssir referenza ghall-artikolu 2137 tal-Kap.16 li jaqra hekk –

*"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss."*

Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament.

L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII, par 364 pag. 279.) jaffermaw illi –

"*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere*."

Izjed 'il quddiem (para. 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk –

"*La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale*"

F`dan l-istadju, il-kompitu tal-Qorti huwa li tiddeciedi jekk hijiex fondata l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni intimata illi l-azzjoni attrici hija preskritta skond l-Art 2148(d) tal-Kap 16. Fost il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti trid taghmel hemm dik li tistabilixxi jekk dik id-disposizzjoni tistax tigi applikata ghall-kaz tal-lum u dan peress illi l-attrici qed titlob ghall-hlas ta' *'disturbance allowance'* u *'Board allowance'* u mhux qed taghmel talba ghal hlas ta' paga taghha.

L-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali (Kap.452) fl-Artikolu 2 jipprovdi li :-

"*paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu minn principal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jithallas skond l-artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati ma' l-esekuzzjoni tax-xoghol jew mal-produzzjoni.*"

Jidher li din il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn it-terminologija salarju u paga li fil-hajja ta' kuljum dawn iz-zewg termini jintuzaw b'mod li huma kunsidrati li ghandhom l-istess sinifikat u ghalhekk id-definizzjoni li tinghata ghal kelma 'paga' fl- Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali u appuntu fl-Artikolu 2, ghandha tapplika ukoll ghal kelma salarju uzat fl-Artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili fuq imsemmi.

Il-Qorti qed taghmel riferenza ghal xi gurisprudenza sabiex tistabilixxi liema hlasijiet jikkwalifikaw bhala salarju. Fost is-sentenzi citati kien hemm "**Paul Aquilina vs Victor Satariano noe**" li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Gunju 1994 – fejn gie spjegat li hlas ghal-*leave* ma jaqax taht il-kategorija ta' salarju, (din is-sentenza kienet bhal kaz odjern b'riferenza ghall-Artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili) in kwantu l-Qorti kkonkludiet li m'hemmx ekwivalenza bejn salarju u d-dritt ghal-*leave*.

Il-Qort ezaminat il-kuntratt ta' impjieg iffirmat mill-attrici u John Camilleri ghan-nom tal-Korporazzjoni intimate, u jirrizulta bic-car li s-salarju taghha ma jinkludix il-bonus' li qed titlob u cioe' l-*annual disturbane allowance* u l-*Board allowance*. Jidher li dawn inghataw lilha *'in addition'* ghall-paga taghha. Jirrizulta ukoll li dawn l-*allowances* kellhom jinghataw b'mod indipendenti mill-paga taghha izda skond *collective agreements* li seta' kien hemm minn zmien ghal zmien. Ghalhekk dawn l-*allowances* bl-ebda mod ma kienu marbuta mas-salarju taghha.

Ghalhekk m'hemmx dubju li dan l-Artikolu japplika ghal hlasijiet li huma dovuti lill-impjegat ghar-rigward il-paga u/jew salarju tieghu u dak li l-istess impjegat huwa intitolat ghalih li huwa naxxenti mil-ligi li jemanixxi mill-Kapitolu 452 li jirregola l-impjiegi u ir-relazzjonijiet industrijali. Dan l-Artikolu jirreferi ghal hlasijiet li l-impjegat ikun intitolat ghalihom fix-xahar. Bil-kelma salarju l-ligi mhix qed tinkludi dawk il-hlasijiet li huma naxxenti minn kuntratt *ad hoc* bhal ma huma il-*performance bonuses, disturbance allowance, Board allowance* u xi *allowances* ohra mhux naxxenti mill-artikolu 23 tal-Kapitolu 452. Il-pretensjoni tal-attrici ma hix bazata jew adirittura ma temanix mill-Kapitolu 452 izda temanixxi minn kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti. Ghalhekk tali disposizzjoni tal-ligi ma tapplikax ghall-kaz in ezami.

Il-Qorti tirrileva li meta dan l- Artikolu gie introdott fil-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, zgur li ma kienitx l-intenzjoni tal-Legislatur li ghandhom ikollhom referenza ghall-*disturbance u/jew Board allowance* li hija kumpens relattivament gdid fis-sistema legali taghna. Id-*Disturbance* u *Board allowances* huma renumerazzjonijiet li minkejja li huma fissi jmorru lil hinn minn paga normali ta' impjegat, liema hlas jinghata lill-impjegat minhabba il-fatt li jista' jghati il-kaz li jkollu jaghmel xi xoghol wara il-hinijiet fissi tal-impjieg tieghu jew addirittura li l-impjegat ikollu jaghmel xi xoghol addizzjonali mhux fuq il-lok tax-xoghol, per ezempju fil-kaz odjern l-attrici kien ikollha tkun disposta tghin lic-Chairman taghha una volta tigi hekk mitluba anke fil-hin mhux normali tax-xoghol. In oltre tali hlas jinghata biss bhala apprezzament ghax-xoghol li jkun ghamel l-impjegat u ma hux xi hlas li l-impjegat huwa awtomatikament u statutorjament intitolat ghalih. Ghalhekk zgur li tali hlas ma jaqax taht din id-disposizzjoni preskrittiva tal-Ligi.

Il-Korporazzjoni fil-kuntratt taghha esebit a fol 313 titkellem fuq l-*allowances* li jinghataw mill-Gvern skond l-Artikou 23 ta' l-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali u fl-istess vena fis-sub incizi ta' wara jitkellem dwar dawn l-*allowances* partikolari. Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li dawn l-*allowances* moghtija mill-Korporazzjoni intimata inghataw lill-attrici b'mod indipendenti mill-*allowances* li jaghti l-Gvern u jifformaw parti mill-kundizzjonijiet *ad hoc* tal-kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti u ghalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni li ghandu japplika, semmai huwa dak ta' hames snin u cioe' dak kuntrattwali. Din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Korporazzjoni qed tigi michuda.

Dwar il-mertu jinghad li l-Korporazzjoni intimata qed issostni li l-impjieg tal-attrici mal-Korporazzjoni mhux regolat skond il-kuntratt esebit fl-atti izda skond il-Ftehim kollettiv. L-attrici issostni li l-kuntratt li hija iffirmat kellu jirregola ir-relazzjoni lavorattiva taghha tant li tghid li meta kienet qed tinnegozja l-kuntratt taghha qaghdet attenta li dak kollu li kienet giet offruta mis- CEO John Camilleri jigi ridott f'kitba sabiex ma jkunx hemm inekwivoci aktar tard. Il-kuntratt stess jghid li l-kuntratt huwa il-ftehim li permezz tieghu l-attrici giet impjegata u f'kaz li l-ftehim kollettiv jipprovdi ghal xi zidiet jew addirittura jekk il-Gvern jipprovdi ghal xi *allowances* skond l-Artikolu 23 tal-Kap. 452, dawn ghandhom japplikaw ghaliha ukoll. Imkien m'hemm imnizzel li l-ftehim kollettiv kellu f'xi zmien jiehu post dan il-kuntratt. Fil-parti ahharija ta' dan il-ftehim hemm imnizzel *verbatim* li " *you will be subject to all other working conditions established in the Collective Agreement currently in force and to all those established in any future collective agreements entered into between the Corporation and a recognised union*." Cio' nonostante pero' imkien ma hemm imnizzel li dan il-kuntratt kellu jiskadi jew ma jibqax japplika

jew addirittura ma jibqax jorbot lill-attrici. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li dan hu l-kuntratt li ghandu jirregola l-impieg ta' l-attrici mal-Korporazzjoni.

Jibqa' ghalhekk sabiex jigi diskuss jekk l-ammont ta' flus mitlub fi-rikors promotur mill-attrici humiex dovuti. Ma jidhirx mill-provi prodotti li l-Korporazzjoni ressqet xi prova sabiex tipprova li sar il-hlas jew adirittura li l-ammont mitlub huwa eccessiv. Kontestazzjoni dwar il-*quantum* mitlub fl-atti ma hemmx.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni intimata u tilqa' it-talba ta' l-attrici b'dan illi qed tikkundanna lill-Korporazzjoni intimata thallas lill-attrici is-somma ta' sitt elef sebgha mija w sitta w ghoxrin Ewro u sitt centezmi €6,726.06 ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur stess.

Bl-imghax dekorribbli mid-29 ta' Mejju, 2012 u bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni intimata komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju, 2012 (Dok B) u ta' l-ittra bonarja tas-26 ta' Frar, 2010 (Dok C).

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.
Magistrat

Marbeck Spiteri
Deputat Registratur